## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 07 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**vs**
**Omissis 1**
**Raule Josef**
**Ommissis**
**Omissis 2**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Omissis 1**

**Raule Josef**, ta' 21 sena, iben Sip Trance u Minefe Kune, imwieled Mali, nhar l-1 ta' Jannar, 1999 residenti gewwa Marsa Intial Reception Centre, il-Marsa u detentur tan-numru tal-pulizija 19GG-023

**Ommissis**; u

**Omissis 2**

Akkuzati nhar it-08 ta' Jannar, 2020 bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00) gewwa l-Marsa Initial Reception Centre

1. Volontarjament taw in-nar lil bini, vettura, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda meta gewwa ma' kien hemm ebda persuna filwaqt li wiehed seta' jobsor illi fil-hin tal-hruq seta' kien hemm xi persuna gewwa l-bini, gharix, jew lok li ha n-nar mill-hruq u dan bi ksur tal-artikolu 317(a)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn €2,500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325(1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma' kinietx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi skur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma' obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma' halliehomx jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubidjenza jew dan l-indhil ma' jaqa' taht l-ebda disposizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-5 ta' Ottubru 2020 l-imputati Omissis 1 u Omissis 2 ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti spjegatilhom x'piena jikkomportaw dawn l-imputazzjonijiet.

Rat il-verbal ta' dik l-udjenza meta l-kawza giet differita ghall-llum 7 ta' Ottubru 2020.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imsemmija imputati Omissis 1 u Omissis 2 regghu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhhom.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat Raule Josef ukoll ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u kkonferma din l-ammissjoni

anke wara li l-Qorti spjegatlu x'piena jikkomportaw dawn l-imputazzjonijiet.

Rat li l-kawza giet posposta u wara li regghet issejhet it-tlett imputati reggheu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhhom.

Rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiett ta' Malta.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-ammissjoni taghhom. Fir-rigward ta'l-imputati Omissis 1 u Omissis 2 hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 68(2)(3), 317(a)(i), 325(1)(a), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundanna lill-**Omissis 1 u Omissis 2 erbgha snin prigunerija**, u tikkundanna lill-imputat **Raule Josef hames snin prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikundanna lil **kull wiehed mill-imputati biex ihallsu lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' sebgha mija tnejn u sebghin Euro u hamsa u sebghin centemzu (€772.75)** rapprezentanti spejjerz rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**